C/2024/5284

26.8.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11516 – FERTINAGRO / AMEROPA / AMEROPA BIOTECH)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5284)

1. Fid-19 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Fertinagro Biotech International, S.L.U. ("Fertinagro", Spanja),

— Ameropa DG Holding A.G. ("Ameropa Holding", l-Iżvizzera),

— Ameropa Biotech S.R.L. ("Ameropa Biotech", ir-Rumanija).

Ameropa Holding u Fertinagro se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Ameropa Biotech.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Fertinagro: produttur u negozjant ta' diversi kategoriji ta' fertilizzanti — fertilizzanti kimiċi kumplessi, fertilizzanti likwidi, fertilizzanti li jinħallu fl-ilma, bijostimulanti u (mikro)nutrijenti oħra, fertilizzanti organiċi,

— Ameropa Holding: negozju agrikolu li jkopri fertilizzanti kimiċi, ħbub u petrokimiċi, b'attivitajiet li jkopru l-katina sħiħa tal-provvista, li jvarjaw mill-produzzjoni, għal-loġistika u l-merchandising, sad-distribuzzjoni; attività importanti hija l-merchandising fiżiku globali u d-distribuzzjoni ta' fertilizzanti, prodotti tal-ikel u tal-għalf, li huma appoġġati u possibbli b'assi komplementari, bħal silos, imħażen u faċilitajiet tal-port, kif ukoll assi upstream bħal impjanti tal-produzzjoni tal-fertilizzanti.

3. Ameropa Biotech hija bejjiegħ bl-ingrossa ta' fertilizzant u bħalissa hija kkontrollata minn Ameropa Holding.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha tiġi speċifikata dejjem:

M.11516 – FERTINAGRO / AMEROPA / AMEROPA BIOTECH

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË